# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u ij gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*
Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.
Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija numru 89.)
Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IT-TLIETA, il 31 TA DICEMBRU, 1912. NRU. 47.


*Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħhom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## Ilment u Lûiem

«Jonkos issa li is-Soci iħabircu ftit iżjed biex igħinu lil Cumitat, li ma bakagħlu xejn iżjed x'jagħmel għalihom u għalihom biss.»

Da'l cliem ta Mons. Gauci, li issibuh fil *Habib* tas-26 ta Novembru li għadda, chien ħareġ minn kalbu, bix-xeŭka cbira li għandu, li jara ix-Xirca ta San Ġusepp tagħddi il kuddiem. Imma, għad li din it-tŭissija ta l'acbar ħabib chien imissha kanklet chemm imsieħbin, li għadhom ma fehmux ta chemm gid tista' tcun, seŭŭa għal gisem u seŭŭa għal ruħhom, din ix-Xirca; għal ħafna minnhom chienet cliem mitluf.

Meta nara il ħeġġa, li biha bosta jintefgħu f'societajiet oħra, u'l ħrara li icomplu biha, nħoss kalbi tingħafas, u mimli bil għageb nsaksi lili in-nifsi: Chif inhi di'l biċċa? għax fix-Xirca ta San Ġusepp isibu dac li isibu fl'oħrajn u xi ħaġa actar. Mela mnejn hu gej il mard? Mill għaŭŭi tal għedeŭŭa? Daŭn ma jonksux; u tismagħhom u takra' li jictbu tistħajjilhom nies kaddisin: imma aħna naħfrulhom u ma nieħdux għalihom, għax fuk collox hemm Alla, li għajnejh iŭasslu actar il geŭŭa minn tal bniedmin; u bħalna, naħsbu, li jagħmlu ucoll l'imsieħbin tal Unjoni, li għandhom għajnejn biex jaraŭ u ras biex jaħsbu. Eh! il misħut *interess* jgħami u jitchellem chif jakbillu, u'l *partit* hu għamad acbar. Aħna katt ma messejna lil ħadd u dejjem fraħna b'daŭc li rajnihom jagħmlu il gid; u li għamilna xort'oħra, la conna nimxu ta nsara u lankas ta nies *serji.*

Mela la darba mux mit-tkassis tal għedeŭŭa, mnejn hu gejj il mard, irrid nfisser ruħi, il bruda tal biċċa il cbira tal imsieħbin tax-Xirca ta San Ġusepp? Milli il Malti ma jaħsibx għal għada. «Għada minn rah; illum, la għandna, nixxalaŭ, u għal għada jaħseb il Bambin». Collox seŭŭa: it-tama tagħna dejjem f'Alla, għax Hu irid icun għalina. Imma igħid il proverbju: «Għin ruħec, biex Alla igħinec».

Għada tista' timrad, tista' tcorri fuk ix-xogħol, tista' tigi meŭt fukec u tħalli ŭarajc mara u tfal. Mela għaliex ma tfaddalx xi ħaġa fil carus tal Caxxa tat-Tifdil, ħalli, meta jigi iżurec il hemm, ma tonkosx il għajnuna lilec u lil daŭc, li huma biċċa minnec? Għaliex tibka' l'ura fil ħlas tal gimgħat, u b'hecc titlef il jedd għas-*sussidju*?

Id-dinja għaddejja dejjem actar il kuddiem. Mela għaliex int trid tibka' l'ura u tħalli min jisbkoc? Ma tħabricx tmur l'iscola, li nfetħet mħabba fic l'Unjuni? Ma tmurx nhar ta Ħadd tisma' il Conferenzi? Chemm tista' titgħallem u tiftaħ moħħoc! Ŭieħed sinjur, li daħal l'Unjoni ŭakt li chienet issir l'iscola, u ra li ma chienx hemm actar minn erba' jeŭ ħames Soci jisimgħu, tatu geŭŭa il bruda tal Maltin, u kalbu miġgħuha kal: «Imisshom jatu bil ponnijit biex jilħku post.» Ċanfira f'ŭaktha u li chienet tistħokkilhom lis-Soci.

Alla tac ruħ, li għaliha ċarċar demmu collu u hejja thennija ta dejjem geŭŭa il genna. Għaliex ma tgħożżhiex inti ucoll? Tigi tingabar geŭŭa id-Dar ta San Ġusepp, il bogħod mit-tigrif tad-dinja, u fejn tista' ucoll tixxigħel bla ma taħrak ruħec; fejn bil Conferenzi religjusi u l'iscola tar-Religjon titgħallem id-dmirijit li għandec lejn Alla, lejn lilec in-nifsec u lejn għajrec; dmirijit li jaħtieġlec tilħak, jecc trid tŭassal lil ruħec fejn hejjilha Alla?

Tara mela x'gid tlift għax ridt inti? Il Cumitat għal collox ħasiblec; għad-divertiment xierak, biċ-Cinematografu, bit-Tiatrin, bis-sŭali għal Biljard u'l logħob; għat-tagħlim, bil Conferenzi socjali u scientifici, bl'ischejjel għas-Soci u għat-tfal tagħhom, bis-sala tal kari; għal għajnuna tal gisem, bis-sussidji, fil mard, ta flus, dŭŭa u tobba b'xejn; għal għajnuna tar-ruħ, bil Conferenzi religjusi u 'd-duttrina għat-tfal. «Il Cumitat—ntenni cliem Mons. Gauci—ma bakagħlu xejn iżjed x'jagħmel għas-Soci, jonkos issa li huma igħinuh.»

Cont sejjer ngħid ħaġa, li ma contx nibża' li xi ħadd jeħu għaliha u jonfor. Imma x'irid icun? jien fl'aħħar mill aħħar bli ngħid ħsiebi m'hux li nŭaġġa' kalb ħadd, imma li nagħmel il gid lil ħuti il Maltin. In-nies tas-snajja u tax-xogħol kabel chienu ipixcaŭha ġmielhom; ix-xogħol ma chienx jonkoshom u biċċa ħobż chienu dejjem isibuha: imma minn ftit snin il haŭn id-dinja tbiddlet u bdiet għalihom dic li f'pajjisi oħra jsejħulha *la lotta per la vita,* jigifieri li biex igħixu illum jaħtiegilhom jitħabtu. Ħafna chellhom isiefru biex jakalgħu il ħobża, għax il poplu cotor iż-żejjed u, bħalma igħidu, għal coll għadma haŭn mitt chelb; imma l'ittri li geŭ minn barra dejjem għanja ŭaħda: li il ħaddiem malti ma jistgħax iħabbatha mgħan-nies ta barra, għax niekes mit-tagħlim u ma jafx jitchellem ħlief b'ilsien tiegħu, f'chelma ŭaħda, għadu l'ura. Ħaddiema maltin, la taħsbux li jien irrid immakdarcom; ħarsu chif intom stess tissaħħru ŭara il frustieri li jiġu jaħdmu haŭn, tibkgħu mistagħġbin bil ħila tagħhom fix-xogħol u tistkarru li magħhom ma tistgħux tilħku. U ankas la iddaħħlu f'rascom li jien irrid immakdar l'ilsien malti; mux li immakdrux, imma nigħdilcom li tgħożżuh. Itgħallmu bit-taljan u bl'inglis, għax jisŭeŭlcom; imma il malti ħobbuh dejjem bħala ħaġa għażiża li ŭirittu minn għand missierijitcom. Itchellmu bil malti magħ min hu malti bħalcom u ictbulu ucoll bil malti; la tiċħdux il lsien tagħcom, bħalma ma jiċħdux l'inglis, il francis, it-taljan, li ma jitchellmux b'ilsien bar-

rani mingħajr bżonn. Itolbu bil malti, għax il kalb actar tħoss u actar tintela bil ħrara biex tbierec u tfaħħar l'Alla. Dac li nissel ġo kalbna l'eŭŭel imħabba chien il cliem bil malti ta ommna l'għażiża; u dac li lakatna l'eŭŭel darba, jibka' dejjem jolkotna actar. Il lingŭa hija il patrja. Min ma iħobbx lil dic, ankas ma iħobb lil din. Ħarsu lejn daŭc il maltin-inglisi, li jecc jitchellmu bil malti jgħaŭġuh u ŭiċċhom jiħmar, bħallichiecu kegħdin jagħmlu xi ħaġa mux seŭŭa; coll ma hua inglis hu *very nice* għalihom, u coll ma hu malti *very bad*. U xejn la tokogħdu għal dac li kalu ŭieħed jeŭ tnejn, li il lsien malti hu għal *Mandraġġ* u'l *chcina*. Dan kaluh għax chien jakblilhom għal ħsieb ta rashom; il ħsieb ma chienx chiecu mgħarrak, imma ma chienetx biċċa rġulija tagħhom. Ma chienx igħid hecc Mons. Grech, Alla jatih il genna!, li chellu ras akŭa minn tagħhom; u ankas igħidu hecc l'Onor. Cav. N. Tagliaferro u'l Comm. Alfonsu M. Galea, li actar ma jistudjaŭ il malti actar jingibdu lejh u jissaħħru ŭarajh. U daŭn it-tnejn ma jafux lilu biss, imma jitchellmu b'chemm il lingŭa.

Imma, milli kiegħed nara, ħriġt mid-discors li cont kbadt. Narġgħu għalih. Mela jaħtieġ li il ħaddiem malti ma jibkgħax lura, u li min għandu ras u iħobb lil għajru jakbeż għaliħ biex jgħallmu. Dan hu seŭŭa seŭŭa dac li ried jagħmel il Cumitat tal Għakda tal Appostolat tat-Talb, meta ŭakkaf ix-Xirca ta San Ġusepp u fetaħ l'ischejjel għas-Soci u't-tfal tagħhom. Tasseŭ li dan m'hux bizzejjed; imma min kal li il Cumitat m'hux biħsiebu jagħmel ħŭejjeġ oħra biex jasal fil fehma tiegħu? Għal issa l'ischejjel u'l Conferenzi: l'eŭŭel pass tah; actar il kuddiem, jecc Alla irid, jati l'oħrajn, għax igħid il provetbju: « Min ma jgħaggilx, jasal kaŭŭi u sħiħ». Imma jecc is-Soci ma jagħmlux il kalb lil Cumitat, dan jibred; igħinuh mela, bli juru li igħożżu ix-xogħol li jagħmel għalihom.

Chelmtejn oħra u nispiċċa. Actar ma poplu ħua *civili*, ngħidu aħna kiegħed il kuddiem, actar nsibuh mgħoti għal għakdiet bħal din tagħna. Mela icun ta għajb cbir għalina, jecc ma ngħożżgħux ix-Xirca li fiha nctibna, jecc għal istidin u's-sejħat tal Cumitat ma natux ŭiden, jecc nibkgħu bierdin għal collma isir fl'Unjoni. Mux biss għat-Tiatrin u'd-divertiment għandna ninġabru hemm, imma l'actar għal Conferenzi, għal ischejjel, għal dac collu li jista' jgħaddina il kuddiem, jecc irridu ngħaddu ta nies tasseŭ *civili*. Daŭc biex iħajjru, imma l'akŭa mux huma.

Nħossni issa neħħejt għokla minn fuk kalbi. Jecc ŭaġġajt lil xi ħadd, nitolbu maħfra; u jecc tajt pjacir lil għedeŭŭa bli cxift l'agħŭar, daŭn għamlu ħażin ferħu bid-deni ta ħuthom u l'għar ta pajjishom. Chienu jimxu actar ta nsara u iħobbu actar lil pajjishom, li chienu miegħi jiftħu għajnejn il poplu.

DUN PAŬL.

# Ma dûar il Gżira.

Nitolbu scuża lis-Sinjora Busuttil, Majjistra f'li Scola tal Furjana, li isimha tħalla barra bi żball, mita, il gimgha l'oħra, tchellimna fuk il festa tal premji li saret fiċ-Circlu Britannja.—Ħadd ma ghemghilna fuk dan, inkas hi stess, li chellha il jedd collu tlumna: imm'aħna mita krajna il *Ħabib* stampat u imxerred, intbaħna li, bla ma ridna, inkasniha, *ghax ma conniex infurmati tajjeb*: u minn jeddna nistkarru li, f'collox u ghal-collox, isimha messu jidher bejn tas-Sur Mast u tas-Sinjora l'oħra li semmejna.

—Dac il *flien*, li chitbilna mil Mosta nhar il ħamis, nghidulu żeŭġ ħŭejjeġ biss, ghad li ħakku min ighidlu mija: l'eŭŭel nett, dac it-*tôn* ma idokkx f'ŭidnejn il *Ħabib*—u jaghmel tajjeb ŭisk chiecu jarfghu ghal x'imchien ieħor; u, imbaghd, mita iŭaġġa in-nies b'ilsienu, ma ghandux il jedd jatina ismu u cunjomu, b'li strada u ir-raħal tieghu, u jictbilna: *Per sola informazione del Direttore*. Ghal din id-darba, naħfrulu, ta insara u ta galantomi; imma ikis li ma jarġax actar!

—Chif conna ħabbarna, il festa tal Premji fis-Seminarju ta Ghaŭdex saret l'ghada tal Milied u irnexxiet gŭappa mill'iżjed, seŭŭa ghal dac li ntaghmel fiha u seŭŭa ghall ktajja ta nies mill'aħjar li marru biex igaŭduha. Ghoġbu il *Cumposizzjonijet* u ir-*Recitar* bil Latin, bit-Taljan u bl'Ingliż u tà gost ŭisk ir-*Rapport* fuk chif in huma sejjrin li Schejjel, ghax minnu jidher ċar chemm hemm taghlim sôd u kaŭŭi: imma, fost collox, saret l'acbar ŭirja ta ferħ u ta kima lir-Rettur ta Seminarju, Monsinjur Canôncu Dun Fons Ħili, ŭara li temm id-*Discors* tieghu fuk *Chif ghandna naghmlu dmirna*—u nistghu naħsbu x'ħareġ mil pinna ta dac is-Sacerdot, li, barra milli hu gharef u tal ħeġġa, *jaf u iħobb jaghmel tant dmiru*. Aħna niżżuħ-ħajr tal *Programm* u ir-*Rapport tal Premji* li ghoġbu jibghatilna: krajnihom bi ħrara cbira malli ŭaslulna: u, biex nghidu is-seŭŭa, laktuna ŭisk ir-*Regulamenti* tal *Maximum* u tal *Minimum* (*l'actar* u *l'inkas* tal punti), bil pattijet l'oħra ta chemm punti iridu jingiebu u chif ghandhom jingiebu biex jirtebħu il *Premji*. Aħna tħarriġna ta *Eżaminaturi* tnax il sena il *Liceo* u xi ħaġa iżjed îlna is-*Seminarju*: u daŭc ir-*Regulamenti* sibnihom mill'isbaħ li jistghu icunu.

—Inroddu il ħajr lir-Reverendi Sacerdoti Dun Vincenz Borġ, minn ħal Kormi, u Dun Eleazzru Balzan, minn tas-Sliema, li ghoġobhom jistiednuna ghall'Eŭŭel kuddiesa taħħom sullenni: it-tnejn ghamluha ilbieraħ tl'ura, fil Parroċċi ta pajjiżhom, u it-tnejn chellhom festa cbira.

—In-nitfa ta Sunett li ctibna ghall'Eŭŭel kuddiesa tal imsemmi Dun Vincenz Borġ sejjrin ingibuħ haŭn, mhux ghax irridu nghadduħ b'xi ħaġa tajjba, imma biex id-Direttur tal *Ħabib* juri il kima tieghu lis-Sacerdot il ġdid ta pajjiżu u jixtieklu joħroġ jixbaħ lil zijuħ, Dun Giusepp Borġ, Cap tal *Missjoni il cbira* u ħaddiem mill'actar kaŭŭija fil *Kasam ta Cristu*.

—Minn ġdid nifirħu lill Monsinjur Dun Fons Agius, D.D.,B.A., li, daŭn il ġranet, minn *Camrier Segriet Onorarju* tal Papa giè mtalla fil grad ŭisk actar ghôli ta *Camrier Segriet Suprannumerarju*. Min jaf mil krib il dan is-Sacerdot scond il kalb t'Alla, ma jistax ma jifraħx.

—Il gimgha id-dieħla ingibu fil *Ħabib* poeżija—*Malta ll' Ulied taħħa maħbuba*—mictuba mis-Sinjurina Antonia Żammit, Majjistra ta li *Scola Infantili* tal Furjana. Din il poeżija li ntkalet minn tfajjla ta xi tmin snin, fil festa tal *premji* li diġà semmejna, tiġbor fiha li *Storja ta Malta*. Nafu sgur li takraŭ bil gost.

—Il *Presepju-Eŭcaristicu* li sar ħal Kormi din is-sena infetaħ lejliet il Milied u irnexxa sabiħ ŭisk. Narġghu nirriccmandaŭ lill karrejja taghna li ma jibkghux ma jaraŭħx.

—Ŭaslilna il ctieb *I Barbaro*, mit *ottava* poeżija tal Marchis Ramiro Barbaro di San Giorgio, b'xi tifsir taħħom: u niżżu-ħajr b'kalbna collha lill Poeta, li jaf tajjeb chemm dejjem krajna bil ħrara dac li joħroġ mil pinna tad-deheb tieghu. Malli nakraŭ dan il ctieb, li sgur sejjer ifaccarna f'ħafna ħŭejjeġ gheżież ghalina, narġghu nitchellmu fuku.

—Ghaliex jistampaŭ il Priedchi bit-Taljan biss?...Dic li ghamel bil Malti, nhar il ħadd li ghadda, ħal Kormi, ir-Reverendu Dun Giusepp Borġ, fuk *is-setgha tas-Sacerdot Cattolicu*, m'hix ta min jakraha u jitghaxxak biha?.. M'hix biż-żejjed hi biex ŭieħed jitghallem ŭiegeb lill ħmerijet collha li jinghadu fuk il Kassisin, fil Ministeru imkaddes taħħom?....

—L'articoli tar-Reverendu Cappillan ta ħal Luka, fuk il *Cungress*, u tar-Reverendu Dun Giusepp Farrugia fuk *l'Eŭŭel tas-Sena*, ŭaslulna tard: icollna nħalluhom ghal darb'oħra.

—Natu is-sena it-tajjba lill Chittieba, lill'Imsieħbin u lill Karrejja collha tal *Ħabib* u nitolbu ll'Alla jaghnihom fiha b'cull gid tar-ruħ u tal gisem, chif nixtieku ghalina infusna. Min inkasnieħ f'xi ħaġa, nitolbuħ jaħfrilna, bħalma aħna naħfru bil kalb lil cull-min nakas lîlna: u jalla dejjem ir-riżk u il barca ghall proxxmu taghna collu.

## FL'EŬŬEL KUDDIESA

TAR-REVERENDU SACERDOT

## Dun Vincenz Borġ

SUNETT.

....*Haec quotiescumque feceritis,*
*in mei memoriam facietis*....

Minn xfar ghajnejc kalbec bil ferħ mimlija
donnha trid toħroġ, biex mill'art titbieghed;
u f'ruħec, b'dac il jedd li lîlha tŭieghed,
tas-Setgha 'Mkaddsa nara tilma 'd-dija.

Ghax, mela, o ġdid Aronn, ghax int titrieghed
f'dan l'isbaħ ħin ta ħajjtec?... M'hix foħrija
li tghid: «Biex jarġa jinżel il Messija,
chelma ta fommi biss jistenna kieghed!»

«Cull mita taghmel dan—imŭissi ħalla
lîlec Gesù—taghmlu b'tifchira tieghi;»
u nieksa ma giet katt il chelma t'Alla.

Tcun ghaxka tal erŭieħ jeŭ ħamla issukec,
fil ħsad jeŭ fit-tnicchir ighaddu 'l ġmieghi,
is-Setgha—iftacar—tibka dejjem fukec!

Ħal Kormi,
fid-29 ta dicembru, 1912.

G. MUSCAT-AZZOPARDI.

## Unjoni Cattolica "San Giusepp."

Palazz Caraffa,
31 ta Dicembru, 1912.

Nhar il ħadd li gejj, ħamsa ta Jannar, fil għaxra u nofs ta fil-għodu, il Professur Dun Carm Psaila sejjer jagħmel *Cunferenza* fuk il festi cbar li gejjin taċ-Centinarju li ifaccar fil Vittoria mill'akūa li l'Imperatur Costantinu chellu fuk l'Imperatur l'ieħor Massenzju, li biha il Cnisja Cattolica setgħet toħroġ mil Catacombi u tibda tgaūdi il libertà li chienet tistħokkilha.

Fil għaxija, imbagħad, fit-tmienja seūūa, isir Dramm ūisk sabiħ, bi tmien atti, *Quo Vadis*.

Dħul: 8 soldi; imma l'Imsieħbin iħallsu ħames soldi biss.

Għada, l'eūūel tas-sena, fl'erbgħa ta fuk nofs in-nhar, tarġa issir l'*Imsejcna Marianna*, li tant għoġbot.

WALTER AGIUS,
*Segretarju.*

## Chitbulna:—

I.

811, Drolet Street,
Mile End,
Montreal City,
P. Quebee.
Fid-9 ta Dicembru, 1912.

Mr. Joseph Muscat-Azzopardi Esq.
Direttur tal ġornal
*Il Habib*

Sinjur,

Jena smajt illi il Gvern ta Malta sejjer jibgħat Emigrazzjoni Maltija minn Malta għall *British Columbia*. Jena ħadt pjacir ūisk meta smajt din l'aħbar li il Gvernatur għażel għall pajżani Maltin il *British Columbia Territory* u biex ngħidlec, Sur Direttur, ma satax jagħżel pajjiż aħjar fil Continent collu, għas-saħħa u għall'industrja u għaxogħol tar-raba. Għall gabellotti l'art hi mill'aħjar u jena ngħid li il pajżani tiegħi Maltin, daūc li għamlu f'moħħhom biex jitilku, għall Canada, nispera illi iżommu chelmithom, għaliex ma jistgħux jiġu f'art aħjar u tal gid, fuk collox għall campanja, biex jiġru u jiżirgħu l'art, li hi mill'aħjar għall ħaxix u għal frott, bħal laring, lumi, patata, tuffieħ, għeneb u għall cultivazjoni hi tal prima classi. Jena dejjem tħassibt għaliex il Gvern ta Malta ma bediex minn kabel dan iż-żmien u chif jena xi sentejn ili nisma li l'Emigrazzjoni ta Malta bagħtet il Maltin il Brażil, fejn fil Brazil pajjiżi oħra ma jbagħtux in-nies taħħom, imħabba il mard tal *Black fever* u *Yellow Fever (deni isūed* u *deni isfar)*. Bosta povri pajżani tagħna Maltin ūakgħu vittimi ta dan il mard taddeni u mietu hemm. Allura din id-darba hu tas-seū illi fil *Columbia ingliża* il Maltin jagħmlu affari, għaliex l'art cbira u art tal gid: u jecc Malta sejjra tibgħat elf Malti, jena nassigurac illi il Maltin iħobbu il pajjiż u nispera illi ūara 1000 oħra iħallu il Malta ucoll, u imbagħd icollna *Colonja Maltia fi British Columbja* li tcun ta unur għall Malta u anchi unur għall Gvern ta Malta.

Jena ħallejt Malta għoxrin sena ilu: u ivvjaġġajt fin-North u fin-Northwest; u il *British Columbia Territory* ili nafu ħmistax il sena; u nokgħod fil Belt ta Montreal, li nista insejjaħlu issa il pajjiż tiegħi; u issa aħna ninsabu fil belt ta Montreal xi għoxrin Malti: imma, jecc daūn l'elf Malti iħallu Malta fis-sajf, haūn ma isibu il ħadd minn'na f'Montreal.

Jena nitolboc illi inti tirringrazzja għalija ucoll lis-Sur tabib C. Mattei, illi hu dejjem ħa interess tal Maltin u anchi dejjem ħabb il Malti u ipprova biex jagħmel għall'aħjar, biex igħinhom: u nispera li Dr. Mattei jirnexxi biex jibgħat il elf Malti għall *British Columbia*.

Nitolboc, Sur Direttur, li tistampa din l'ittra fil *Habib* tagħna u inselli għalic ūisk.

U jena dejjem tiegħec, ħabib tal *Habib* tagħna,

Collni tiegħec,
James L. Bonnici,
imūieled tas-Sliema.

---

II.

Għażiż Giusè,

*Oħt l'agħma* (LA SORELLA DEL CIECO) hua dramm talian mictub minn David Chiossone u m'hux minn Carlu Goldoni, chif kal *Verax*. L'eūūel ūieħed li kalbu bil Malti chien Goffredu Gaūci Maistre, Alla jatiħ il Genna. Il festi it-taiba jatic bil kalb il ħabib

GIOVANNI GULIA M.D.

Vittoria-Gozo.

---

Biex natu lil cull-ħadd li ħakku, għalavolja geūūa kabru, dehrilna li ma stajniex ma ngibux din l'ittra ċchejcna tat-Tabib Gulia; u naħsbu li VERAX stess icun l'eūūel ūieħed li jieħu gost biha, għax nafu chif jaħsibha.

ID-DIREZZJONI.

---

III.

Fit-22 ta Dicembru, 1912.

Lis-Sur Direttur tal *Habib,*

Aħna bi pjacir cbir nakraū il ġurnal *tagħcom*, nafu li tħobbu tgħallmuna u aħna il Bdieūa uħud ma jafu xejn u oħrajn jafu ftit—u xejn ma jitchellmu—u oħrajn igħidu lill Pisatur biex jivverifica bir-rekka collha u imexxi il polza chif tigi f'idejn il Cummerciant, mhux jakta it-tara ta 24 ratal f'cull barmil u tmin irtal f'cull koffa, mentri icun fihom bosta inkas; u b'dan jieħdu somma ta mijet u eluf ta knatar frott lill Bdieūa u jatuhom lil ta Barra. Dan ġejj milli ħadd ma jinpurtaħ.

Tal carettun, hecc jakbillu—il buttar iżjed u iżjed, f'loc 12 jagħmel 13 il cartell—is-Sinjur minn dahru ma jakta xejn—u collox iħallas il Bidūi.

Nixtiek naf dan tridux il Ligi tad-Dūana.

Huma igħidu li hecc hu l'użu, għax daks hecc chien fihom dari, imma jecc id-duħ jiċchien cull jum, it-tara għandhom jaktgħuha b'chemm jagħmlu pis il barmil u il koffa, mgħabbrin cull darba.

Għal hecc icolloc il pacenzja u gibilna fil gazzetta tagħcom tagħlim u conoxxenza ta dan collu, biex nistgħu aħna nimxu u il *Għakda tal Bdieūa* tibka tafulcom—u nixtiekulcom il festi tal Milied it-tajjeb.

Jena
G. C.

---

Il chittieb tchellem magħluk ūisk: imma naħsbu li ried igħid għall'użin ta patata, basal, chemmun u ħūejjeġ hecc li jinbagħtu Barra: u, għad li ma taniex ismu għal-collox, ridna noħorġu darba mid-draūūa tagħna u ingibu din l'ittra, għax, jecc hu minnu dac li tgħid, il biċċa tokros ūisk lill Bdieūa u nittamaū li min għandu id-dmir taħħa ifittex jara chif in hi seūūa.—X'in hi il *Għakda tal Bdieūa* li semma *G.C.*? Aħna ma nafux biha!

ID-DIREZJONI.

---

Mil LUCERNA TAL HAJJA.—39. La iżżeblaħx l'iċchen nukkas u tagħmlu, għax hecc maż-żmien tagħmel dnubiet cbar ucoll.

## ĠMIEL U CRUHA TAS-SIĠAR.

(*jissocta man-numru 46.*)

Aħna nitħabtu biex nagħmlu u icollna il ħobż, priclu hemm siġar li jatu merak bħattkiek maħlul, illi minnu isir il ħobż; oħrajn li jatu il ħalib. Fl'Indja fuk is-siġra tal ħobż igħidu li il bidu tagħħa gejj minn ġrajja curjuża ūisk...Chif igħidu ix-xjuħ ta Otahisti, li f'sena ta għacs cbir missier ta bosta tfal, imdejjak għax ma chellux x'jitmaħħom, ġagħal lill'uliedu jidfnuħ ħajj u minn gismu nibtet is-siġra, hecc imsejjħa tal ħobż, biz-zocc u il frigħei tagħħa imngħeżżejn, bħas-siġar tad-*Divina Commedia* ta Dante Alighieri, li fost daūn is-siġar igib il «Pier delle Vigne.»

Iżda is-siġra tal ħalib tinsab fil ūied ta Cancanja, f'Cordilieri...Tarmi fi Frar, u tagħmel frott bnin ūisk li ifaccrec fit-tgħoma tal fraūli bil ħalib. Meta ixokkulha iz-zocc tagħħa tkattar ħalib tajjeb bħal dac tal bakra. Xi snin ilu, iċ-ċorma tal mircheb *Canticleer*, ħadet da'l ħalib biex tħalltu mal cafè u mattè, u sabuħ tajjeb ūisk.

Siġra oħra ta min isemmiha hi is-siġra *tal vjaġġaturi* bil ūerak tagħħa għamla ta mgħarfa, donnu lest biex jiġbru fih l'ilma li għandu jakta l'għadtx lil daūc li jintilfu f'li msaġar ...Hemm ucoll is-*siġra 'mkaddsa*, li tiġbor ħdejjha l'ilmijet collha ta ma dūarha. Il Cardanu chiteb bosta fuk dis-siġra, iżda il cancellier Bacone jiċħad dil biċċa tal għageb.

Ma dana collu l'ankas fost il ħxejjex ma jonksu xi siġar ħallelin, xi għageb u xi oħrajn nieksin mil ġmiel u il ħleūūa!

Fil chitba ta daūc li huma imchissrin seūūa fil ħūejjeġ tal ħolkien, insibu fuk xi żmien ilu dan li gejj:—Fin-naħat tal geūūieni tal Africa, hemm siġra li tinbidel f'serp bi tbajja cbar, li minn f'lċc ras għandu ūarda għamla ta kampiena, din il ūarda fiha bħal merak ifuħ u igħallec ūisk. Id-dud li, imħajjar minn dic ir-rieħa tfuħ, jersak hemm gozz gozz, malajr jigi makbud mil ūarda li semmejna, tagħlakhom tajjeb, u mbgħad tarġa tiftaħ ūara li tcun sajrithom u għaddiethom seūūa. Il ūerak ta dina is-siġra-serp għandu bħal-laħam artab u abjad, li minn geūūa hu mifrud minn ūakkafa tal karmuċa, xi ħaġa bħas-sinsla tad-dahar, u mimlija b'bieba safranija. Siġra oħra stramba bħal din tinsab fit-Tartarja ta fuk; għandha għamla ta annimal u għalhecc giet imsejjħa minn-nies ta hemm *siġra-annimal*. Il frott tagħħa hu daks bettieħa mil cbar, u mil bixla tagħħa tixbaħ lin-ngħaġa. Koxritha hi musūafa u imgeġħda, u il merak tagħħa għandu leūn id-demm. Bosta igħidu li meta icun frisc it-togħma tiegħu hia bħal tal laħam tal muntun.

Ūieħed mill'egħġubijet, fis-saltna tal ħxejjex, hu l'għageb li ilekku u jiddu! Hemm xi siġar li fid-dlam igħammxulec għajnejc. Nieħdu il gilju tal għadajjar, xi fokkieħ u xi *ljana* (xitla li tixxeblec fuk siġra oħra li iz-zocc tagħħa jilteūa malajr) tal Africa ta nofs in-nhar; huma ūisk imsemmija għad-dija taħħom. Tal biża, mbgħad, huma xi siġar velenusi u ħatjin. Id-dell biss tal *manzanillu* magħruf fl'Eūropa taħt l'isem tal *Africana* ta Meyerbeer—hu tal biża. Il merak tal *curaro* jintosca, b'dan il merak in-nies tal America jinkdeū biex jidilcu il vleġġeġ, u jiskuħ bil moħbi lill għedeūūa tagħħom. Il Malgaxi ibellgħu geūża tat-Tħangin biex jicxfu xi ħtija. Jecc min jibla il geūża jibka ħajj, hua bla ħtija; jecc imut, hua ħati. Iżda daūc collha li b'inchejja tagħħom jibilgħu dil geūża, actarx l'isiru collha ħatjin....

(*Jissocta*) G. MICALLEF-GOGGI.

